# Żewġ vittmi Żwieten

## *Fil-Maltempata ta' Ottubru ta' l-1913*

**Carmel P. Baldacchino**

Kif jaf kulħadd, fil-Gżejjer Maltin meta jgħaddi Settembru, nibdew nistennew xi ftit tax-xita, għall-prodotti agrikoli tagħna, u mhux l-ewwel darba li għadda Settembru, Ottubru u Novembru mingħajr ma jkollna qatra xita. Il-Knisja tibda tagħmel talb għax-xita biex issaqqi l-prodotti. Fis-sena 1913 kien għadda nofs Ottubru mingħajr qatra xita, imma fis-17 ta' Otturbu nfetħu bibien is-sema u bdiet nieżla xita bil-qliel akkumpanjata minn sajjetti u ragħad li jbeżża' minn kull naħa. L-ajru sar griż u dehret li riesqa maltempata qawwija għax bdiet nieżla x-xita, kif jgħid il-Malti, bil-bramel matul il-lejl kollu tant li r-raba' fil-postijiet il-baxxi tal-gżira mtlew malajr, u ġarret ħafna ħamrija u ħitan tas-sejjiegħ. Is-servizz tat-tram kellu jieqaf minħabba li l-ġebel ngombra l-linji tiegħu.

It-tempesta baqgħet ġejja bil-qawwa tagħha, dehret li kienet ser tkun kbira u kif kien isir is-soltu f'okkażjonijiet oħra bħal dawn ġew, ordnati biex jindaqqu l-qniepen tal-knejjes kollha madwar Malta. L-iskejjel għal ftit tfal li kienu jmorru ġew magħluqa u l-ftit traffiku li kien hawn kellu jieqaf madwar Malta kollha, ħlief għal xi bżonn serju. Anke s-servizz tal-laneċ madwar il-portijiet u l-karozzini waqfu. Ma kont tara lil ħadd barra ħlief għal xi bżonn serju. Ta' min jgħid li l-għada l-Ħamis 18 t' Ottubru kompliet nieżla xita bil-qliel u r-riħ beda jonfoħ b'qawwa ta' riefnu, iqaċċat ħafna friegħi tas-sigar u anke siġar sħaħ, fost is-sajjetti u ragħad il-ħin kollu, it-tappieri tal-kanali tad-drenaġġ bdew jinqalgħu minn posthom u ġew imkaxkra 'l bogħod fejn ħolqu periklu għal min ikollu bżonn joħroġ għax jista' jibqa' nieżel fihom. Kull min kellu kantina intlietlu bl-ilma, kif ukoll min kien joqgħod fil-partijiet il-baxxi ġralu l-istess. Il-widien imtlew bl-ilma, ġebel u materjal ieħor fosthom b'ħafna friegħi tas-siġar, kienet vera sitwazzjoni tal-biża'. Il-partijiet baxxi kienu iżolati għalihom mingħajr l-ebda tama ta' għajnuna, u l-familji li kellhom fejn jitilgħu kellhu jużaw il-parti ta'fuq u jabbandunaw il-parti t'isfel, oħrajn kellhom jitilgħu fuq l-għamara. Il-ftit dawl ta' l-elettriku fejn kien hemm kellu jiġi sospiż, anke s-servizz tat-telefon ġratlu ħafna ħsara billi bir-riħ inqatgħu ħafna wires u ma baqax jiffunzjona, l-ilma fid-djar beda dieħel minn kullimkien anke beda tiela' minn taħt l-art. Il-pulizija kellha biċċa xogħol iebsa ħafna biex tagħti għajnuna, tant li għamel appell biex min kellu xi dgħajsa jagħti l-għajnuna li jista' fejn kien possibbli.

Il-bini ġralu ħsara strutturali tant li wara kien hemm xi postijiet li ġew ikkundandati sakemm isirulhom it-tiswijiet meħtieġa. Il-bdiewa mhux talli tilfu l-prodotti li kellhom miżrugħa imma anke ħafna mill-merħliet u l-annimali tagħhom ġew imkaxkra mil-wied li beda għaddej u jkaxkar kull ma jsib quddiemu. Il-Marsa, l-Imsida, Birkirkara u Ħal Qormi kienu qishom xmara maqtugħa għaliha b'ħafna siġar, għamara, mogħoż u annimali oħra f'wiċċ l-ilma, maqtugħin għalihom fejn ħadd ma seta' jagħti l-għajnuna billi dak iż-żmien ma kienx hawn mezzi moderni u ħadd ma ried jipperikola ħajtu.

L-istorja li tolqot lilna minn ras il-għajn hija li fost l-imwiet li ġraw madwar Malta minħabba dan il-maltemp, kien hemm żewġt itfal Żwieten li kull filgħodu kienu jmorru jgħinu xi ftit lill-familja tagħhom billi jiġbru l-ħobż għall-annimali tagħhom. Dawn iż-żgħażagħ kienu Carmelo Baldacchino ta' 12-il sena u Ġużeppi Bugeja ta' 13-il sena li nhar il-Ġimgħa kienu fl-inħawi tal-Kottonera u nqabdu fil-maltempata. Meta l-ġenituri tagħhow raw li għadhom ma ġewx il-ġenituri tagħhom għamlu rapport lill-pulizija u bdiet tfittxija intensiva għalihom madwar l-inħawi tal-Kottonera. Sar magħruf li kienu dehru sejrin il-Fgura li dak iż-żmien kienet għadha kollha raba' għall-inħawi ta' Bormla. Dan it-tagħrif għadda lill-pulizija minn ċertu Carmelo Attard. It-tfittxija kompliet matul il-lejt kollu mingħajr l-ebda riżultat.

Is-Sibt fil-għodu kompliet it-tfittxija fejn l-ispettur Calleja ordna lill-kontistabbli Sacco u ieħor biex imorru ħdejn il-mina tal-Polverista fejn hemm mina taħt l-art għall-ilmijiet li jiġu min-naħa tal-Fgura u Għajn Dwieli biex jgħaddi minnha. Meta waslu ħdejn il-grada tal-mina ta' din li sfog ta' l-ilma, quddiem l-mina ta' San Tumas il-pulizja sabet gakketta żgħir li ġabruha u meta ġiet murija lill-ġenituri tat-tfal neqsin sar magħruf li din kienet il-ġakketta ta' Ġużeppi Bugeja.

Il-pulizija bdew jagħmlu it-tfittxija ġo dak il-kanal mimli ilma u tajn billi ġew ipprovduti bi dwal u ġew

marbuta bi ħbula biex f'kas ta' diffikultà jiġu miġbuda lura. Wara ħafna diffikultajiet speċjalment minħabba n-nuqqas ta' arja l-ewwel li sabu kien ġisem ta' żiemel li kien tkaxkar mill-wied u aktar 'il ġewwa sabu l-igsma taż-żewġ żgħażagħ sfortunati mingħajr ebda sinjal ta' ħajja. Kellhom biċċa xogħol iebsa biex ħarġuhom minn hemm ġew għax riedu joqogħdu attent li ma jweġġgħux huma. Il-pubbliku kellu kull tifħir għal dawk iż-żewġ kuntistabbli li daħlu hemm ġew u ħarġu magħhom il-katavri ta' dawk iż-żewġt itfal sfortunati.

Infetħet inkjesta mill-maġistrat megħjun mit-tobba Dr. Jaccarini u Dr. Micallef Eyhaud. Wara li l-katavri ġew meħuda fil-kamra mortwarja fl-isptar Ċentrali fejn saret l-awtopsja fuqhom, u sar magħruf li kienu tal-vittmi neqsin naturalment irriżulta li mietu fgati bl-ilma li belgħu.

Minn xhieda rriżulta li waqt il-maltempata kienu tlett itfal fl-inħawi li ma tawx kas tal-periklu li kienu jinsabu fih, huma ħatfu l-okkażjoni meta għadda Carmelo Montebello bil-karozzin li kien sejjer lejn iż-Żejtun u rikbu fuq il-parti ta' wara tal-karozzin li kient mgħottija bl-ilma. Montebello qal fix-xhieda tiegħu quddiem il-magistrat li ż-żiemel tiegħu waqa' u l-karozzin inqaleb u t-tfal waqgħu kollha u bdew jinġarru mill-wied li kien għaddej b'qawwa kbira. Montebello qabad wieħed minnhom u salvah waqt li t-tnejn l-oħra baqgħu jinġarru mal-wied, jitħabtu ma' l-ilmijiet biex isibu xi ħaġa ma' xiex jaqbdu, imma kollu għal xejn għax baqgħu sejrin għal ġol-gandott ta' taħt l-art li jieħu 'l ġewwa xi mil u nofs fejn instabu mingħajr ħajja.

Jingħad li dawn it-tfal rikbu fuq il-parti ta' wara ta' karozzin, li ma sibtx ta' minn kien u ma nistax ngħid jekk kienx li stess wieħed u li l-kuċċier beda jkeċċihom u jbeżżahom bil-frosta biex jinżlu minn wara l-karozzin u wara dawn sabu ruħhom imkaxkra mill-ilmijiet qawwija li kienu nixlin.

Ta' min jgħid li f'dik il-maltempata għamlet xita daqs kemm ġieli għamlet f'xitwa sħiħ, billi l-gazzetta The Malta Daily Chronicle ġabet statistika ta' kemm għamlet bejn is-17 ta' Ottubru u l-20 ta' l-istess xhar, li taqra hekk, li jinqraw f'pulzieri:

| | | | |
|---|---|---|---|
| Siġġiewi | 3.38 | Mosta | 3.56 |
| Mdina | 3.86 | Qormi | 5.49 |
| Lija | 4.84 | Żebbuġ | 5.92 |
| Kirkop | 6.25 | B'Kara | 6.25 |
| Żejtun | 7.33 | Ħamrun | 7.59 |
| Sliema | 8.14 | Isla | 11.24 |
| Valletta | 11.57 | Żabbar | 13.03 |
| Bormla | 15.26 | Birgu | 16.03 |

† Carmelo — † Giuseppe

18-10-1913
R.I.P.

Dawn iż-żewġt itfal sfortunati wara li saru l-proċeduti meħtieġa mill-qorti flimkien mal-pulizija, ġew midfuna fiċ-ċimiterju ta' Sta. Marija Addolorata.

Bħala tifkira u fl-istess ħin għal min ikun għaddej minn barra l-mina ta' San Tumas f'Bormla ġiet imwaħħla lapida mas-sur b'żewġt islaleb fuqha u l-ismijiet tal-vittmi biex dak li jkun għaddej minn hemm jgħid xi talba għal ruħhom.

*Ħajr lil Kan. Dun Joe Abela.*

Referenzi:
Arkivju Nazzjonali Santu Spirtu

**Liberty Store**

Self-Service

6, Triq il-Ħerba, Żejtun